MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 918/2001/1

**Valley Properties Limited**

**vs**

**Joseph u Ethel Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz tieghu sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Jizgombraw mill-fond appartament numru 2, Imperial Court, Deprio Street, Sliema, billi qieghedin jokkupaw l-istess appartament minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;**

**3. B'riserva ghal kull dritt ghad-danni spettanti lill-atturi;**

**Rat in-nota a' l-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Illi huma qed jokkupaw il-fond b'titolu validu skond il-ligi stante li l-fond de quo huwa rekwizizzjonat u gie allokat lilhom mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali;**

**2. Illi ghalhekk huwa opportun illi l-istess Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali jigi kjamat in kawza;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-fond mertu ta' din il-procedura senjatament il-fond numru 2, "Imperial Court", Depiro Street, Tas-Sliema, huwa effettivament wiehed rekwizizzjonat skond il-ligi;**

**2. Illi dan l-imsemmi fond ilu hekk rekwizizzjonat mill-25 ta' Jannar ta' l-1984, (ara fol 23), u ghadu f'dan l-istat sallum;**

**3. Illi effettivament l-istess fond huwa okkupat legittimament mill-konvenut Joseph Cassar a bazi ta' allokazzjoni favur tieghu mid-Dipartiment ta' l-Allokazzjoni Socjali skond il-ligi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tirrespingi it-tieni eccezzjoni taghhom stante li hi rrilevanti flimkien mat-talbiet attrici, bl-ispejjez ghall-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**